# TNAQQIS U TNEĦĦIJA TA' ĊERTI PESTIĊIDI

Għalkemm jeżistu metodi organiċi fit-tkabbir tal-ħaxix u l-frott għall-ikel, huwa minnu li l-użu tal-pestiċidi, li ħafna drabi nirreferu għalih bħala bexx, huwa mxerred sew. Hemm ħafna raġunijiet għal dan, imma forsi l-iktar waħda importanti għall-bidwi hi li l-pestiċidi għandhom iktar kontroll fuq il-prodott tiegħu u jiżguraw li dan ma jintilifx għal xi ħlejqa qerrieda.



Fl-istess ħin huwa magħruf sew li ċertu sustanzi użati f'numru ta' pestiċidi huma perikolużi għas-saħħa tal-bniedem, partikolarment għaliex iwasslu għal kanċer jew ta' ħsara għar-riproduzzjoni, il-moħħ jew is-sistema tal-immunità tal-ġisem. Allura żgur li hemm bżonn ta' bilanċ bejn l-interessi agrikoli u s-saħħa tal-konsumatur, ta' min jagħmel użu mill-pestiċidi u taċ-ċittadini fl-inħawi.

Matul dawn l-aħħar snin saret proposta mill-Kummissjoni Ewropea għal Direttiva li twassal għal użu sostenibbli tal-pestiċidi. Din damet tiġi diskussa għal madwar perjodu ta' sentejn imma lejn tmiem l-2008 ntlaħaq qbil bejn il-Kunsill tal-Ministri u l-Parlament Ewropew dwar kif se tkun il-liġi l-ġdida. F'dawn l-aħħar ġimgħat il-liġi ħadet forma iktar konkreta.

Il-liġi l-ġdida se tniżżel lista ta' x'sustanzi huma permessi fil-pestiċidi. Permezz ta' din il-lista mbagħad ikunu jistgħu jiġu liċenzjati prodotti li jistgħu jintużaw. Sustanzi li huma perikolużi se jitneħħew mis-suq, sakemm il-periklu li n-nies, jew anki f'ċertu każi naħal, li jkunu esposti għalih ikun negliġibbli. Minn stimi li saru, jidher li b'mod gradwali 22 sustanza li bħalissa qed jintużaw se jsiru illegali.

Però mhux se jkun hemm bidla f'daqqa. Dan għaliex jeżistu wkoll ċertu diffikultajiet prattiċi għal min jagħmel u qiegħed juża dawn it-tipi ta' pestiċidi. Għalhekk dawk is-sustanzi li ġew approvati taħt Direttiva tal-1991 se jibqgħu legali sal-perjodu ta' għaxar snin li għalih kienu approvati. Però, wara li dan il-perjodu jispiċċa jridu jgħaddu mill-proċedura l-ġdida u jista' jkun li jitwaqqfu.

Ir-reazzjoni li forsi tqum hi – veru li se jkun hemm dawn il-ħafna miżuri biex pestiċidi fl-Unjoni Ewropea ma jibqgħux daqshekk perikolużi imma ħafna prodotti agrikoli ġejjin ukoll minn barra l-Unjoni. Għal dawn diġà jsiru spezzjonijiet fuq il-livelli ta' fdalijiet ta' pestiċidi u għalhekk mhuwiex fl-interess ta' min jimporta li jirriskja jinqabad li l-prodotti tiegħu huma ta' ħsara.

B'mod pożittiv il-liġi qiegħda tfittex li tħeġġeġ l-użu ta' metodi li ma jużawx kimika. L-Istati Membri se jkunu wkoll marbuta li jadottaw Pjanijiet ta' azzjoni li jnaqqsu r-riskju u l-impatt tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, kif ukoll jipproteġu zoni fejn hemm l-ilma jew proviżjoni ta' ilma tajjeb għax-xorb. Hemm ukoll il-ħsieb li jiddaħħal taħriġ għal min juża l-pestiċidi jew ibiegħhom. L-Istati Membri jridu jdaħħlu dawn il-proviżjonijiet u oħrajn fil-liġi tagħhom sal-2011.



***Minn Julian Micallef***
*MEUSAC*